



## Mro. Hector Dalli : 25 sena minn mewtu



Fost is-Surmastrijiet kbar illi ddiriġew lill-Filarmonika Beland matul is-snin, nistgħu ngħidu illi Hector Dalli kien wieħed minn dawk illi ħalla l-marka tiegħu fuq il-banda li għadha tinħass sewwa sallum, 25 sena wara mewtu.

Hector dalli twieled Iż-Żejtun nhar it-18 ta' Ġunju,1914. Meta kellu għaxar snin beda l-istudju mużikali tiegħu taħt id-direzzjoni ta' missieru Mro. Giuseppe M. Dalli li kien l-Assistant Surmast tal-Banda Beland fi żmien is-Surmast A. Miruzzi. Wara tlett snin studju ħareġ idoqq il-Flicorno Soprano ma' l-istess Banda Beland.
It-talenti mużikali tiegħu mill-ewwel bdew jispikkaw, għaliex ta' eta` żgħira iddeċieda illi jkompli l-istudju tiegħu fit-teorija mużikali, orkestrazzjoni u kompożizzjoni għand il-magħruf Surmast Casapinta. Matul dan iż-żmien kompla wkoll l-istudju prattiku tal-pjanu. F'dan iż-żmien insibuh idoqq il-pjanu waqt is-silent movie ġewwa ż-Żejtun.

Fl-1935 huwa ha l-grad ta' Associate (A.Mus. LCM). Meta missieru li kien laħaq Surmast tal-banda ġdida "Żejtun"" ra li ibnu kien matur biżżejjed irtira mill-banda li għaddiet f'idejn Hector. F'dan iż-żmien huwa idderieġa wkoll lil Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u għal xi żmien qasir ukoll lill-baned San Ġużepp tal-Ħamrun u La Stella tal-Gudja. Fis-sena 1952 ġie magħżul direttur tal-banda San Lawrenz tal-Birgu fejn dam sa mewtu. Iżda d-data li aħna lkoll niftakru b'sodisfazzjon kienet dik ta' Settembru 1955 meta Hector Dalli irritona fi ħdan il-Banda Beland bħala Surmast Direttur. L-ewwel marċ li kkompona kien iġib l-isem "Sweet Dreams ".



Fis-sena 1957 Mro. Dalli kien idderieġa l-Banda nazzjonali ġewwa r-Radio City fil-preżenza tas-Surmast Ingliż Reybolt. F'din l-okkażjoni kien idderieġa 'L'Eroica " ta' Beethoven. Il-kapaċita` kbira tiegħu bħala kunċertista mill-aqwa qatt ma kienet diskussa. Il-Banda Beland taħt id-direzzjoni tiegħu kompliet fit-triq tas-suċċessi imkaxkra mill-kariżma kbira li kellu. Kien jitgħaxxaq jara lill-bandisti żgħażagħ idoqqu l-marċi sbieħ li kien jikkomponi ta' kull sena, iżda meta wasal iż-żmien opportune beda jdewwaqhom il-vera mużika bis-selections illi beda jikkunċerta. Mill-banda l-oħra qatt ma naqas illi jpaxxi lill-partitarji b'marċi brijużi bħal Victorious, Lil ħbieb, Il-Planċier il-Ġdi

d, Gregorio Bonnici, Lolita, Albatross, Hecdal, Lorenza u fuq kollox l-Innu Marc 'Santa Katarina' li jiddomina fil-ġranet tal-festa flimkien ma' l-Innu Beland.



Dawn il-marċi kienu nixxiegħa ta' melodija. Fost il-ħafna programmi li idderieġa Hector Dalli jispikkaw dak tal-festi ċentinarji fl-1961 u l-ieħor fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-planċier fl-1978. L-aħħar snin ta' ħajtu Mro. Hector Dalli għaddiehom fil-kompożizzjoni. Hawn insemmu l-poema sinfonika Song of Anna, l-Overture Inaugural, Marcia Trionfale, Innu San Lawrenz u suite f'erba' movimenti li kellu l-ħsieb li jesegwiha f'għeluq il-25 sena tiegħu bħala Surmast Direttur.

Imma l-Mulej ried mod ieħor għaliex is-Surmast Hector dalli ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar l-1 ta' Novembru,1980. Il-funeral tiegħu sar l-għada meta wara quddiesa funebri fil-knisja ta' Kristu Re tkompla ġewwa raħal twelidu minn Misraħ Carlo Diacono saċ-ċimiterju ta' San Girgor fejn kien akkumpanjat mill-Banda Beland. Bħala sinjal ta' rispett u qima iż-żgħażagħ Belandisti refgħu it-tebut tiegħu tul il-funeral limkien akkumpanjat minn rappreżentanza qawwija ta' Għaqdiet mużikali, xhieda tar-rispett li kien igawdi s-Surmast Hector Dalli fost il-baned Maltin.

Nagħlaq dan l-apprezzament tiegħi dwar il-qatt minsi Surmast Hector Dalli bi kwotazzjoni tiegħu stess dwar il-Banda u s-Soċjeta' tagħna waqt intervista li kont għamiltlu xi snin qabel ma miet. "Il-Beland minn dejjem kien hawn dilettanti tal-Banda. Iħobbuha 'l banda. Mhux il-bandisti biss imma s-Soċjeta' kollha tħobbha lill-banda'.

Nifirħu lil Kenrick u Stefania Aquilina li ngħaqdu fis-Sagrament taż-żwieġ f' Ottubru 2004

Nifirħu lis-Sur Benny Magro fl-okkażjoni tar-rebħ ta' l-unur "Ġieħ iż-Żejtun" mill-Kunsill Lokali